Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Swieq fil-Kriptoassi, u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937"

(COM(2020) 593 final — 2020/0265 (COD))

u dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija ta' reġistru distribwit"

(COM(2020) 594 final — 2020/0267 (COD))

(2021/C 155/05)

Relatur: Giuseppe GUERINI

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 13.11.2020
	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 18.11.2020
Bażi legali	Artikoli 114 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	12.2.2021
Adottata fil-plenarja	24.2.2021
Sessjoni plenarja Nru	558
Riżultat tal-votazzjoni	235/1/8
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jappoġġja ż-żewġ inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea, waħda dwar Proposta għal Regolament dwar is-Swieq fil-Kriptoassi li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u l-oħra dwar Proposta għal Regolament rigward reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija ta' reġistru distribwit.

1.2. Il-KESE jemmen li l-intervent tal-Kummissjoni huwa meħtieġ u urġenti sabiex jipprovdi regolamentazzjoni komprensiva fir-rigward ta' fenomenu teknoloġiku dejjem aktar mifrux u li qiegħed jintuża aktar b'mod prattiku, kif ukoll li dejjem jevolvi u jinbidel malajr.

1.3. Għalhekk, il-KESE jappoġġja l-utilità tal-implimentazzjoni fi żmien qasir tad-diversi miżuri ta' aġġustament regolatorju meħtieġa biex jiġu mmodernizzati s-servizzi finanzjarji previsti mill-Kummissjoni, mingħajr ma jintesew il-protezzjoni tal-konsumatur u r-regoli prudenzjali.

1.4. Raġuni urġenti għall-azzjoni Ewropea hija li f'dawn l-aħħar xhur diversi Stati Membri adottaw strumenti regolatorji nazzjonali, kemm permezz ta' azzjonijiet leġiżlattivi kif ukoll b'rakkomandazzjonijiet u linji gwida maħruġa mill-awtoritajiet regolatorji settorjali. Interventi bħal dawn jirriskjaw li joħolqu qafas regolatorju frammentat, bir-riskju li jimminaw il-konsolidazzjoni tas-suq intern u jżidu l-ispejjeż tal-konformità għan-negozji.

1.5. Għalhekk, il-KESE jappoġġja l-objettivi tal-Kummissjoni, fi ħdan qafas regolatorju uniku, u li jinkludu: i) il-protezzjoni tal-utenti finali tal-finanzi diġitali; ii) is-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja; iii) il-protezzjoni tal-integrità tas-settur finanzjarju tal-UE; iv) l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi bejn id-diversi operaturi tas-sistema ekonomika u finanzjarja.

---

[1] Id- Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

1.6. Il-KESE jikkondividi wkoll l-għan li jiġi żgurat li l-emittenti ta' "stablecoins"' globali jkunu soġġetti għal rekwiżiti aktar stretti f'termini ta' kapital, ta' drittijiet tal-investituri u ta' superviżjoni, minħabba r-rilevanza sistemika possibbli ta' dawn l-istrumenti.

1.7. Il-KESE jitlob azzjonijiet konkreti biex jiġu promossi informazzjoni u sensibilizzazzjoni adegwati fost il-konsumaturi u l-investituri ż-żgħar sabiex titnaqqas l-asimmetrija fl-informazzjoni li tirriskja li tpoġġi piż partikolarment kbir fuqhom fir-rigward tal-kwistjonijiet koperti minn din l-Opinjoni, li huma ġodda u għandhom kontenut tekniku ħafna.

1.8. Il-KESE jirrakkomanda li tingħata attenzjoni partikolari lill-kontrolli li jantiċipaw il-miżuri ta' awtorizzazzjoni operattiva msemmija fil-proposti inklużi f'din l-Opinjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-affidabbiltà tal-operaturi soġġetti għal awtorizzazzjoni, sabiex jiġu evitati l-konsegwenzi negattivi ta' mġiba opportunistika u dannuża.

1.9. Peress li l-livell ta' standardizzazzjoni u interoperabbiltà tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit għadu ma jippermettix li l-livell ta' affidabbiltà teknoloġika u taċ-ċiberreżiljenza tal-infrastrutturi adottati mill-operaturi jiġi evalwat b'mod sigur, il-KESE jirrakkomanda li jiġi ċċarat kemm jista' jkun malajr il-qafas regolatorju li għandu jiġi applikat għal dawn l-istrumenti, li qed jevolvu kontinwament, peress li bidla fin-natura tagħhom tista' tirrikjedi l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet regolatorji differenti.

1.10. Minħabba r-riskji teknoloġiċi li għadhom jeżistu, il-KESE għandu tamiet kbar għall-proposta ta' reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija ta' reġistru distribwit. Fil-fatt permezz tar-reġim pilota jista' jiġi identifikat spazju għall-ittestjar f'ambjent ikkontrollat li jippermetti derogi temporanji mir-regoli applikabbli, li jippermettu lir-regolaturi u lill-operaturi jiksbu gradwalment esperjenza dwar l-użu tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit fl-infrastrutturi tas-suq, sabiex jiġu salvagwardjati l-integrità ta' dan is-suq u l-istabbiltà finanzjarja.

1.11. Madankollu, għalkemm il-Proposta dwar ir-reġim pilota hija milqugħa, il-KESE jemmen li l-iskadenza ta' 5 snin għar-rapport tal-ESMA lill-Kummissjoni hija twila wisq fir-rigward tal-ħeffa li biha tevolvi t-teknoloġija tal-finanzi diġitali. Ikun utli wkoll li tingħata attenzjoni lid-dispożizzjonijiet għall-ħruġ mir-reġim pilota ta' ttestjar, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni għall-utenti involuti f'din il-fażi.

1.12. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament dwar is-swieq tal-kriptoassi, il-KESE huwa mħasseb ħafna dwar ir-"reġim tranżitorju", li jipprevedi eżenzjoni permanenti mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar is-swieq tal-kriptoassi għall-kriptoassi li kienu diġà fis-suq qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Eżenzjoni bħal din fil-fatt tirriskja li twassal, fir-rigward ta' kriptoassi diġà maħruġa, għal tip ta' eżenzjoni regolatorja li tidderoga mill-prinċipju ta' trattament ġust, jiġifieri "l-istess riskju, l-istess attività, l-istess trattament".

2. **Il-proposti tal-Kummissjoni**

2.1. Din l-Opinjoni tkopri żewġ inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea: i) il-Proposta għal Regolament dwar is-suq fil-kriptoassi, li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937; ii) il-Proposta għal Regolament dwar reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija ta' reġistru distribwit. Dawn il-Proposti jiffurmaw parti minn pakkett ta' miżuri tal-Kummissjoni li jinkludi l-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija għall-Finanzi Diġitali u l-Proposta għal Regolament dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali (DORA), li kienu s-suġġett tal-Opinjonijiet tal-KESE "Strateġija għall-Finanzi Diġitali għall-UE" ([2]) u "Ir-reżiljenza operazzjonali diġitali" ([3]) rispettivament.

2.2. *Proposta għal Regolament dwar is-swieq fil-kriptoassi (li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937)*

2.2.1. Ir-Regolament dwar is-swieq fil-kriptoassi għandu l-għan li jiżgura ċ-ċertezza legali għall-kriptoassi mhux koperti mil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE u li jistabbilixxi regoli uniformi għall-emittenti tal-kriptoassi u għall-Fornituri tas-Servizzi tal-Assi Virtwali. Ir-Regolament għandu l-għan li jissostitwixxi l-oqfsa nazzjonali eżistenti, li bħalissa ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea eżistenti, u b'mod li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi mixtieqa.

2.2.2. Fuq il-bażi tal-Proposta tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li jiġi adottat "approċċ komuni mal-Istati Membri dwar il-kriptovaluti sabiex nifhmu kif nieħdu l-aħjar użu mill-opportunitajiet li dawn joħolqu u nindirizzaw ir-riskji l-ġodda li dawn jistgħu joħolqu".

([2]) Opinjoni tal-KESE dwar *Strateġija għall-Finanzi Diġitali għall-UE* (ECO/534) (ara l-paġna 27 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) Opinjoni tal-KESE dwar *Ir-reżiljenza operazzjonali diġitali* (ECO/536) (ara l-paġna 38 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

2.2.3. Il-Proposta għandha erba' objettivi: i) l-iżgurar taċ-ċertezza tad-dritt; ii) l-appoġġ għall-innovazzjoni f'settur b'potenzjal kbir; iii) l-iżgurar ta' livelli adegwati ta' protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur, kif ukoll l-integrità tas-suq; iv) l-iżgurar tal-istabbiltà finanzjarja.

2.2.4. Il-Proposta ma tkoprix biss l-emittenti tal-kriptoassi, iżda wkoll lill-intrapriżi li jipprovdu servizzi relatati ma' strumenti bħal dawn bħal, pereżempju, l-intrapriżi li jżommu l-kriptoassi tal-klijenti, l-entitajiet li jippermettu lill-klijenti jixtru jew ibigħu kriptoassi għall-flus, u l-intrapriżi li jiġġestixxu pjattaformi tan-negozjar. Għal din ir-raġuni, is-salvagwardji introdotti jinkludu r-rekwiżiti kapitali, ir-rekwiżiti ta' governanza u d-drittijiet tal-investituri fil-konfront tal-emittent.

2.2.5. L-operaturi emittenti ser jiġu b'mod partikolari sottomessi għal rekwiżiti aktar stretti fil-każijiet fejn ċerti tokens irreferenzjati ma' assi u tokens tal-flus elettroniċi jitqiesu bħala li għandhom importanza "sinfikanti" (minħabba l-volum, il-kontrovalur, jew in-numru ta' klienti, li jxebbahhom ma' "stablecoins" fil-livell globali).

2.2.6. Meta titqies għalhekk il-possibbiltà konkreta li l-istablecoins jistgħu jiġu aċċettati b'mod wiesa' u potenzjalment sistemiċi fil-futur, il-Proposta tal-Kummissjoni tinkludi wkoll salvagwardji biex jiġu indirizzati r-riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja u l-politika monetarja ordnata li jirriżultaw minħabba l-istablecoins.

2.2.7. Dawn l-istrumenti huma kriptoassi li, pereżempju b'mod differenti għall-famuża bitcoin, għandhom prezz relattivament stabbli minħabba li huma marbuta ma' mezz ta' skambju ugwalment stabbli (jiġifieri munita istituzzjonali) u għalhekk fil-futur qrib jistgħu jsiru sistemi mifruxa ta' pagament u investiment.

2.2.8. B'mod aktar speċifiku, it-titolu II tal-proposta jirregola l-offerta u l-kummerċjalizzazzjoni lill-pubbliku ta' kriptoassi minbarra tokens marbuta ma' attivitajiet u tokens ta' flus elettroniċi, billi jipprevedi li emittent ikollu d-dritt li joffri tali kriptoassi lill-pubbliku jew li jitlob ammissjoni għall-kummerċ fuq pjattaforma ta' negozjar jekk jikkonforma: i) mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4, bħall-obbligu ta' stabbiliment fil-forma ta' persuna ġuridika; ii) mal-obbligu li jfassal dokument ta' informazzjoni, magħruf ukoll bħala White Paper, dwar il-kriptoassi (l-Artikolu 5); iii) mal-obbligu addizzjonali li l-White Paper tiġi nnotifikata lill-awtoritajiet kompetenti u tiġi ppubblikata (l-Artikoli 7 u 8).

2.2.9. Id-dokument ta' informazzjoni (White Paper) mhux se jkun meħtieġ jekk il-kunsiderazzjoni totali tal-offerta tal-kriptoassi tkun inqas minn EUR 1 000 000 fuq perjodu ta' 12-il xahar, u b'hekk jiġi evitat il-ħolqien ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

2.2.10. Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li jiġi ċċarat li d-definizzjoni attwali ta' "strumenti finanzjarji" — li tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva MiFID — tinkludi strumenti finanzjarji bbażati fuq id-DLT (Distributed Ledger Technology — Teknoloġija ta' Reġistru Distribwit) u tipproponi wkoll reġim speċifiku għall-kriptoassi li mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni eżistenti dwar is-servizzi finanzjarji, kif ukoll it-tokens tal-flus.

2.2.11. Ir-regolamentazzjoni tiffoka wkoll fuq il-ħruġ ta' kriptoassi (jew ta' tokens), minn operaturi li jixtiequ joperaw fis-suq uniku Ewropew u li għandhom jikkonformaw ma':

— rekwiżiti ta' trasparenza u pubbliċità fir-rigward tal-ħruġ u l-ammissjoni għall-kummerċ tat-tokens relatati;

— l-iskema ta' awtorizzazzjoni u ta' superviżjoni fuq il-forniturі ta' servizzi u fuq l-emittenti ta' stablecoins;

— ir-rekwiżiti operattivi, organizzattivi u ta' governanza għall-emittenti ta' stablecoins (għal darb'oħra jrid jiġi nnotat li dan ma japplikax għat-tokens l-oħra kkonċernati, jiġifieri essenzjalment tokens ta' utilità) u għall-forniturі ta' servizzi;

— ir-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fir-rigward tal-ħruġ, in-negozjar u s-salvagwardja tal-kriptoassi;

— miżuri biex jiġu evitati każijiet ta' abbuż tas-suq u biex tiġi żgurata l-integrità tas-swieq fejn jiġu negozjati l-kriptoassi.

2.3. *Proposta għal Regolament dwar reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija ta' reġistru distribwit (DLT)*

2.3.1. Il-Proposta dwar ir-reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT għandha erba' objettivi ġenerali: i) iċ-ċertezza tad-dritt; ii) l-appoġġ għall-innovazzjoni billi jitneħħew l-ostakli għall-applikazzjoni ta' teknoloġiji DLT ġodda għas-settur finanzjarju; iii) l-iżgurar tal-protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur, kif ukoll l-integrità tas-suq; iv) l-iżgurar ta' stabbiltà finanzjarja.

2.3.2. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, ir-reġim pilota jintroduċi salvagwardji xierqa, pereżempju billi jillimita t-tipi ta' strumenti finanzjarji kummerċjabbli, b'dispożizzjonijiet immirati speċifikament biex jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja u l-protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur.

2.3.3. Permezz tal-introduzzjoni ta' reġim pilota għall-ittestjar tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT, il-Proposta għal Regolament tipproponi li l-kumpaniji tal-UE jitpoġġew f'pożizzjoni li jkunu jistgħu jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tal-qafas eżistenti, biex b'hekk is-superviżuri u l-leġiżlaturi jkunu f'pożizzjoni li jistgħu jidentifikaw l-ostakli għar-regolamentazzjoni, filwaqt li r-regolaturi u l-kumpaniji nfushom gradwalment se jkunu jistgħu jiksbu għarfien siewi dwar l-użu tad-DLT.

2.3.4. Preċiżament għal dawn ir-raġunijiet u fid-dawl tal-ħtieġa ta' approċċ gradwali, l-istrument tar-reġim pilota għandu jitqies bħala l-aktar strument proporzjonat fir-rigward tal-objettivi li għandhom jintlaħqu, peress li fil-preżent m'hemmx biżżejjed evidenza biex tiġġustifika l-introduzzjoni ta' bidliet regolatorji permanenti, aktar sinifikanti u aktar estensivi.

2.3.5. Il-Proposta għandha l-għan li tiżgura ċ-ċertezza tad-dritt u l-flessibbiltà għall-parteċipanti fis-suq li jixtiequ joperaw infrastruttura tas-suq tad-DLT billi tistabbilixxi rekwiżiti ta' ġestjoni uniformi. L-awtorizzazzjonijiet mogħtija skont dak ir-Regolament jippermettu wkoll lill-operaturi tas-suq joperaw infrastruttura tas-suq tad-DLT u li jipprovdu s-servizzi tagħhom fl-Istati Membri kollha taħt kontroll superviżorju adegwat.

2.3.6. F'aktar dettall, l-Artikolu 1 jiddefinixxi s-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Proposta, filwaqt li l-Artikolu 2 jistabbilixxi t-termini u d-definizzjonijiet rilevanti, inklużi dawk relatati mal-kunċetti ta' "infrastruttura tas-suq tad-DLT", "faċilità multilaterali tan-negozjar tad-DLT" jew "MTF tad-DLT", "sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT" u "titoli trasferibbli tad-DLT".

2.3.7. L-Artikolu 3 jiddeskrivi l-limitazzjonijiet f'termini ta' titoli trasferibbli tad-DLT li jistgħu jiġu ammessi għan-negozjar f'infrastrutturi tas-suq tad-DLT jew jiġu rreġistrati minnhom. Fir-rigward tal-ishma, il-kapitalizzazzjoni tas-suq, anke proviżorja, tal-emittent ta' titoli trasferibbli tad-DLT, għandha tkun anqas minn EUR 200 miljun; għal bonds pubbliċi minbarra bonds sovrani, bonds koperti u bonds korporattivi, il-limitu huwa ta' EUR 500 miljun. L-infrastrutturi tas-suq tad-DLT ma għandhomx jippermettu l-parteċipazzjoni fin-negozjar jew ir-reġistrazzjoni ta' bonds sovrani.

2.3.8. L-Artikolu 4 jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' DLT, li huma l-istess bħal dawk għal MTF skont id-Direttiva 2014/65/UE tal-~Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u jispeċifika l-eżenzjonijiet possibbli skont dan ir-Regolament. L-Artikoli 7 u 8 jistabbilixxu l-proċedura għall-awtorizzazzjoni speċifika biex tiġi ġestita MTF tad-DLT u sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT rispettivament u jinkludu dettalji dwar l-informazzjoni li trid titressaq quddiem l-awtorità kompetenti. L-Artikolu 9 jiddefinixxi l-metodi ta' kooperazzjoni bejn l-infrastruttura tas-suq tad-DLT, l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA. L-Artikolu 10 jindika, li fi żmien ħames snin, l-ESMA se tippreżenta rapport dettaljat dwar ir-reġim pilota lill-Kummissjoni.

3. **Kummenti ġenerali u speċifiċi**

3.1. Il-KESE jaqbel mal-objettivi tal-Kummissjoni Ewropea u b'din l-Opinjoni jappoġġja l-utilità u l-importanza tal-implimentazzjoni, sa nofs l-2022, tad-diversi miżuri ta' aġġustament regolatorju meħtieġa għall-immodernizzar tas-servizzi finanzjarji, mingħajr ma jintesew il-protezzjoni tal-konsumatur u l-integrità tas-suq.

([4]) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (riformulazzjoni) (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

3.2. B'mod aktar speċifiku, il-proposti leġiżlattivi għandhom l-għan li jiżguraw iċ-ċertezza legali fir-rigward tat-trattament regolatorju tal-kriptoassi. Iċ-ċarezza tal-qafas regolatorju applikabbli għat-tipi kollha ta' kriptoassi, kif ukoll għall-fornituri kollha ta' servizzi relatati, hija l-kundizzjoni neċessarja sabex jinħolqu soluzzjonijiet innovattivi b'valur miżjud f'dan is-suq. B'mod partikolari, l-għażla li jintuża regolament flok direttiva tikkontribwixxi għall-kisba ta' kontenut u applikazzjoni uniformi tar-regoli l-ġodda dwar is-suq uniku.

3.3. Il-KESE josserva li l-intervent leġiżlattiv tal-Kummissjoni ilu mistenni u għalhekk beħsiebu jenfasizza kemm dan issa huwa meħtieġ u urġenti sabiex jipprovdi regolamentazzjoni komprensiva fir-rigward ta' fenomenu teknoloġiku dejjem jevolvi u li qed jinbidel b'rata mgħaġġla.

3.4. Il-KESE jqis li l-miżuri ppjanati huma utli sabiex: i) jipproteġu l-utenti finali tal-finanzi diġitali; ii) jissalvagwardjaw l-istabbiltà finanzjarja; iii) jipproteġu l-integrità tas-settur finanzjarju tal-UE; iv) jiżguraw kundizzjonijiet ekwi bejn l-atturi differenti fis-sistema ekonomika u finanzjarja.

3.5. Il-KESE jaqbel u jappoġġja l-proposta li jiġi żgurat li emittenti sinifikanti ta' kriptoassi, magħrufa bħala "stablecoins" globali, ikunu soġġetti għal rekwiżiti aktar stretti f'termini ta' kapital, ta' drittijiet tal-investituri u ta' superviżjoni. Il-ħtieġa ta' azzjoni regolatorja hija indispensabbli sabiex jiġi evitat li jitfaċċaw flussi ta' flus indipendenti mill-kontroll tal-banek ċentrali, tal-awtoritajiet tas-settur u tal-istituzzjonijiet demokratiċi.

3.6. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-isforz ta' klassifikazzjoni tal-Kummissjoni fid-definizzjoni tal-kunċetti ta' "kriptoassi" u tat-"teknoloġija ta' reġistru distribwit" huwa tali li jinkludi d-diversi tipi ta' kriptoassi fid-definizzjonijiet użati, biex b'hekk dawn id-definizzjonijiet jiġu adatti għall-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq futuri possibbli.

3.7. Madankollu, il-KESE jemmen li jista' jinkiseb livell ogħla ta' ċarezza billi jitfasslu speċifikazzjonijiet aktar dettaljati dwar is-sottokategoriji differenti tal-kriptoassi u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. B'dan il-mod jistgħu jiġu evitati r-riskji interpretattivi fir-rigward tat-trattament ta' tipi ta' kriptoassi inklużi fil-kategorija residwa "minbarra token irreferenzjat ma' assi u token tal-flus elettroniċi".

3.8. Il-KESE jaqbel mal-prekawzjonijiet meħuda fil-Proposta għal Regolament dwar is-swieq fil-kriptoassi biex jiġi evitat li r-regoli jkunu doppji, kif jixhdu l-eżenzjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni previsti fl-Artikolu 2(2) tal-Proposta. Dawn il-miżuri huma xierqa u rilevanti, peress li jidher li huwa meħtieġ li jiġu evitati rekwiżiti doppji u duplikazzjoni tar-regolamentazzjoni tal-Proposta dwar is-swieq fil-kriptoassi u, pereżempju, tal-MiFID.

3.9. Fil-fatt hemm bżonn li l-oqsfa regolatorji ma jkunux f'kunflitt ma' xulxin, peress li dan iżid l-inċertezza regolatorja u joħloq spejjeż ta' konformità u piżijiet eċċessivi fuq l-operaturi, u potenzjalment jillimita l-innovazzjoni. Sabiex tinkiseb separazzjoni ċara bejn iż-żewġ oqsma, u b'hekk iċ-ċertezza legali meħtieġa, jenħtieġ li tiġi żviluppata definizzjoni ta' "token ta' titolu ta' sigurtà", filwaqt li fl-istess ħin jiġu pprovduti indikazzjonijiet ċari dwar liema huma l-karatteristiċi distintivi ta' kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strument finanzjarju.

3.10. Għal dawn ir-raġunijiet, il-KESE japprezza l-involviment istituzzjonali u l-għarfien espert operazzjonali tal-EBA ([5]) u tal-ESMA ([6]) kemm fil-fażi ta' qabel il-pubblikazzjoni tal-Proposti msemmija f'din l-Opinjoni kif ukoll fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva mistennija bejn dawn l-awtoritajiet settorjali Ewropej u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda.

3.11. Billi tagħżel li tillimita l-applikazzjoni tal-proposta essenzjalment għat-tokens ta' utilità u l-istablecoins, il-Kummissjoni tillimita l-intervent regolatorju għal attivitajiet li ma jinvolvux strumenti finanzjarji u prodotti ta' investiment li jistgħu jiġu definiti bħala "rappreżentazzjonijiet diġitali" ta' drittijiet derivati minn investimenti u attivitajiet kummerċjali, ġestiti permezz ta' teknoloġiji tar-reġistru distribwit. B'dan il-mod, it-tokens jew il-kriptoassi jridu jkunu marbuta ma' valuri konkreti u għalhekk huma inqas esposti għar-riskju ta' użu opportunistiku li jista' jwassal biex l-iffrankar jiġi ġġenerat mingħajr is-salvagwardji meħtieġa għall-investituri.

3.12. Fil-fatt, il-KESE jqis li huwa neċessarju li t-tokens ibridi jiġu kklassifikati b'mod aktar ċar. Xi kriptoassi, wara l-fażi tal-ħruġ, jistgħu jwettqu funzjonijiet differenti, u jbiddlu n-natura tagħhom taħt kundizzjonijiet predeterminati. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi ċċarat il-qafas regolatorju li għandu jiġi applikat għal strumenti ibridi bħal dawn li qed jevolvu, peress li bidla fin-natura tista' teħtieġ l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet regolatorji differenti.

([5]) European Banking Authority — Awtorità Bankarja Ewropea.
([6]) European Securities and Markets Authority — Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq.

3.13. Il-KESE jappoġġja wkoll l-azzjoni tal-UE biex jitneħħew l-ostakli potenzjali għall-innovazzjoni li jistgħu jiġu kkawżati minn teknoloġiji diġitali ġodda u li jistgħu jiġu attribwiti għal-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji, li mhux dejjem tkun kapaċi tittraċċa l-ħeffa li biha jseħħu l-innovazzjonijiet teknoloġiċi matul iż-żmien.

3.14. Fost l-innovazzjonijiet b'potenzjal ta' tfixkil għas-setturi finanzjarji u monetarji, ċertament trid tingħata attenzjoni speċifika lit-teknoloġija ta' reġistru distribwit (DLT), li għaliha tappartjeni t-teknoloġija magħrufa sew tal-blockchain, li hija l-infrastruttura li fuqha huwa bbażat is-suċċess tal-bitcoin u forom oħra ta' kriptoassi.

3.15. Il-KESE jemmen li l-UE tista' tiżgura l-applikazzjoni effettiva tar-regoli eżistenti skont il-kuntest il-ġdid bl-emendi proposti għall-adattament tad-Direttiva (UE) 2019/1937. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni Ewropea tista' tiggarantixxi l-iżvilupp sigur ta' qafas regolatorju ġdid, bħal dak stabbilit fil-Proposta pilota għal regolamentazzjoni tal-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija ta' reġistru distribwit.

3.16. Dawn l-azzjonijiet għandhom jiżguraw ċarezza regolatorja, li tippermetti lis-settur finanzjarju istituzzjonali jikseb effiċjenza akbar permezz tal-użu usa' ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit, inkluż bħala rispons għad-disseminazzjoni, xi drabi mhux ikkontrollata, ta' kriptomuniti alternattivi jew sistemi ta' pagament żviluppati minn operaturi li jiżgiċċaw mir-regolamentazzjoni.

3.17. Raġuni urġenti għal azzjoni Ewropea tirriżulta wkoll mill-fatt li diversi Stati Membri bdew jadottaw strumenti regolatorji kemm permezz ta' azzjonijiet leġiżlattivi kif ukoll b'rakkomandazzjonijiet u linji gwida maħruġa minn awtoritajiet jew istituzzjonijiet regolatorji sekondarji, bħal banek ċentrali jew awtorità superviżorja u ta' monitoraġġ tas-suq finanzjarju.

3.18. Biex jikkondividu l-iskop u l-objettivi sottostanti, dawn jirriskjaw li joħolqu qafas regolatorju frammentat u mhux uniformi fis-suq intern. B'kuntrast ma' dan, xi Stati Membri s'issa ma ħadu l-ebda inizjattiva, u dan jikkontribwixxi għal xenarju regolatorju irregolari u frammentat fejn jikkoeżistu azzjonijiet regolatorji divrenzjati u ma tittieħed l-ebda azzjoni regolatorja.

3.19. Il-KESE jemmen li l-interpretazzjoni tar-Regolament u d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-proċess ta' awtorizzazzjoni għandhom ikunu konsistenti kemm jista' jkun sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u jiġi evitat arbitraġġ leġiżlattiv bejn l-Istati Membri differenti, filwaqt li titqies il-possibbiltà, għall-entitajiet awtorizzati, li tintuża l-iskema ta' trasferibbiltà tal-awtorizzazzjoni fl-UE kollha.

3.20. F'din il-perspettiva, il-KESE jappoġġja d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tieħu azzjoni permezz ta' regolament imfassal biex jiżgura regolamentazzjoni uniformi u simultanja li tirriżulta mill-isfera Ewropea, peress li sistema uniformi u standardizzata hija ċertament aktar effettiva minn diversi azzjonijiet mill-Istat, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit mit-Trattati.

3.21. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-objettiv ewlieni tar-regolament propost huwa t-trasparenza tal-informazzjoni u l-istabbiliment ta' sistema ta' awtorizzazzjoni adegwata. Fil-fatt, il-qafas regolatorju qabel il-Proposti inkwistjoni ma kellux filtru ta' awtorizzazzjoni għal attivitajiet ibbażati fuq it-teknoloġija ta' reġistru distribwit, kif ukoll superviżjoni effettiva tal-operazzjonijiet.

3.22. Il-KESE jitlob miżuri konkreti biex jiġu promossi informazzjoni u sensibilizzazzjoni adegwati fost il-konsumaturi u l-investituri ż-żgħar dwar ir-regoli l-ġodda li qed jiġu approvati, filwaqt li jiġu enfasizzati kemm ir-riskji kif ukoll il-benefiċċji u l-opportunitajiet assoċjati mat-teknoloġiji l-ġodda applikati għas-settur finanzjarju u tal-investiment. Dan sabiex titnaqqas l-asimmetrija fl-informazzjoni li diġà hija karatteristika tas-settur finanzjarju, li tirriskja li tpoġġi piż partikolarment sinifikanti u sproporzjonat fuq il-konsumaturi u fuq il-faddala ż-żgħar meta mqabbla mal-kwistjonijiet koperti minn din l-Opinjoni, li huma ġodda u mhux faċli biex jinftiehmu minħabba t-teknikalità intrinsika tagħhom.

3.23. Il-KESE jirrakkomanda li tingħata attenzjoni speċjali lill-kontrolli preventivi tal-miżuri ta' awtorizzazzjoni, speċjalment fir-rigward tal-affidabbiltà imprenditorjali tal-entitajiet awtorizzati sabiex tiġi evitata mġiba opportunistika u dannuża.

3.24. Sal-lum, fil-fatt, jidher li ma jeżisti l-ebda livell ta' standardizzazzjoni u interoperabbiltà tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit li jista' jiggwida b'mod sikur il-valutazzjoni tal-affidabbiltà teknoloġika u r-reżiljenza ċibernetika tal-infrastrutturi adottati mill-operaturi. Għalhekk għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur.

3.25. Il-KESE jitlob progress konkret dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali, li hija s-suġġett tal-proposta speċifika għal Regolament DORA, li jinkludi l-pakkett ta' finanzjament diġitali, li jindirizza l-aspetti kritiċi enfasizzati mis-settur finanzjarju u li għandu l-għan li jipprovdi ċarezza tad-dritt, mill-aspett ġuridiku, dwar id-dispożizzjonijiet marbuta mar-riskji tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), inaqqas il-kumplessità regolatorja u jtaffi l-piż amministrattiv fuq in-negozji, kif enfasizzat fl-Opinjoni tal-KESE "Ir-reżiljenza operazzjonali diġitali" ([7]).

3.26. F'din il-perspettiva, il-KESE jistenna b'fiduċja il-Proposta għal Regolament dwar reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq teknoloġija ta' reġistru distribwit, li fiha l-Kummissjoni tqis l-infrastrutturi tas-suq li għandhom l-għan li jippermettu n-negozjar u r-regolamentazzjoni tal-operazzjonijiet li jinvolvu strumenti finanzjarji fil-forma ta' kriptoassi, filwaqt li tispjega fid-dettall ir-rekwiżiti u u l-prerekwiżiti għall-kisba ta' awtorizzazzjoni speċifika biex tiġi ġestita faċilità multilaterali tan-negozjar tad-DLT u tpoġġi dawn ir-rekwiżiti fil-kuntest ta' qafas superviżorju mill-awtoritajiet settorjali.

3.27. Barra minn hekk, permezz tar-reġim pilota, tittieħed id-deċiżjoni li jsiru operazzjonijiet permezz ta' approċċ ta' "sandbox", li jidentifika spazju għall-ittestjar f'ambjent ikkontrollat li jippermetti derogi temporanji mir-regoli attwali. Dan l-approċċ se jippermetti lir-regolaturi u lill-operaturi jiksbu esperjenza dwar l-użu tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit fl-infrastrutturi tas-suq, biex b'hekk jiġi żgurat biżżejjed żmien biex ir-riskji għall-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja jiġu ġestiti b'mod adegwat.

3.28. Bl-adozzjoni tar-"reġim pilota" (jew "sandbox"), jista' jiġi segwit approċċ empiriku bbażat fuq testjar konkret u temporanju sabiex wieħed jipproċedi, fi stadju aktar tard u fid-dawl tal-esperjenza miksuba, b'aġġustament regolatorju aktar b'saħħtu, mingħajr ma jixxekklu l-introduzzjoni u l-iżvilupp sħiħ tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit u l-innovazzjoni li l-użu tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit jista' jġib miegħu matul il-proċess. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-fażi tal-ħruġ mill-ittestjar fir-reġim pilota, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni għall-utenti u s-suġġetti li pparteċipaw fl-ittestjar.

3.29. Minkejja li l-Proposta tal-Kummissjoni dwar ir-reġim pilota hija milqugħa, il-KESE jemmen li l-iskadenza ta' 5 snin għar-rapport tal-ESMA lill-Kummissjoni hija twila wisq fir-rigward tal-ħeffa li biha jevolvu t-teknoloġiji tal-finanzi diġitali.

3.30. Barra minn hekk, għandha titqies l-għażla li jintemm ir-reġim pilota wara r-rapport tal-ESMA, waqt li tiġi introdotta eliminazzjoni gradwali progressiva li tippermetti lill-operaturi jabbandunaw gradwalment ir-reġim pilota u jirkupraw kemm jista' jkun l-ispejjeż imġarrba għall-ittestjar. Il-KESE jemmen ukoll li l-mudell tar-reġim pilota jista' jiġi applikat ukoll biex jiġi rikonoxxut ir-rwol tal-kumpaniji ta' investiment u l-banek li jwettqu attivitajiet relatati mal-funzjonament tal-infrastrutturi tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit, fil-kuntest tas-servizzi ta' negozjar, ta' kustodja u ta' amministrazzjoni tat-titoli.

3.31. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament dwar is-swieq tal-kriptoassi, il-KESE ma jistax jevita milli jesprimi tħassib serju dwar l-applikazzjoni ta' "reġim tranżitorju", li jipprevedi eżenzjoni permanenti mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar is-swieq tal-kriptoassi għall-kriptoassi li kienu diġà fis-suq qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament u li jidħlu fil-kategorija residwa "minbarra token irreferenzjat ma' assi u token tal-flus elettroniċi" (Artikolu 123)

3.32. Għalhekk, il-KESE jitlob li tiġi vvalutata bir-reqqa l-possibbiltà li kriptoassi diġà maħruġa jgawdu b'mod permanenti minn eżenzjoni bħal din, sabiex ma jiġix kompromess il-prinċipju ta' trattament ġust, jiġifieri "l-istess riskju, l-istess attività, l-istess trattament". Fil-fatt, ikun iktar xieraq li d-dispożizzjoni inkwistjoni ssir effettivament tranżitorja billi jiġi stabbilit perjodu ta' aġġustament għall-kriptoassi ta' dik il-kategorija diġà fis-suq.

Brussell, l-24 ta' Frar 2021.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

([7]) Opinjoni tal-KESE dwar *Ir-reżiljenza operazzjonali diġitali* (ECO/536) (ara l-paġna 38 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).